Kunsill Lokali L-Imsida
Pjazza Menqa, Msida
tel:21334343
www.msidalocalcouncil.com

**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali L-Imsida**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**
**Laqgħa Numru 20**
**It-Tlieta 15 ta'Dicembru 2020**

Il-Kunsilli Lokali l-Imsida ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Pjazza Menqa, l-Imsida, fil-6:25 pm wara l-laqgħa pubblika. .

## PREŻENTI:

Margaret Baldacchino Cefai :
Romina Galea : Viċi Sindku
Jean Claude Borg : Kunsillier
Nicholas Joseph Chircop : Kunsillier
Charles Selvaggi : Kunsillier
Alfred Farrugia : Kunsillier
Maurice Agius : Kunsillier
Judy Sciberras : Kunsillier (Harget fis-7:30 pm)
Emanuel Brincat : Kunsillier

## ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

## ASSENTI

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Alan Vella : Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai ippresediet l-laqgħa.

### 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija;

20.1.01 Il-Kunsilliera kollha kienu preżenti għas-seduta.

### 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

20.2.01 Il-Minuti ta'Seduta L8-19 ittieħdu bħala moqrija.
Kien hemm korrezzjoni fil-minuti 19.5.15
Il-minuti ġew approvati unanimament.

### 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

20.3.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-Mejda korrispondenza 1034:C-2020 , Dwar L-allokazzjoni finanzjarja 2021 għall Msida u Swatar u għarrfet lill kunsilliera preżenti li din tammonta €682,826.

20.3.02 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ir-rapport għas-sena finanzjarja 2019 tal-Awditur Ġenerali.

20.3.03 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai poġġiet fuq il-mejda ir-rapport dwar il-kwalità ta'arja li kien preżentat waqt laqgħa li saret mill-ERA.
Is-Sindku qalet li filwaqt li għall din il-laqgħa ma kienx hemm rappreżentanza jkun tajjeb li għall laqgħat ohra simili dawk il-kunsilliera li jkunu responsabbli mis- settur jattendu sabiex jkunu nfurmati b' dak li jkun qed jiġri f' dan ir-rigward fil-lokalita' tagħhom u jkunu parti mid-diskussjoni.

20.3.04 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li d-Diviżjoni għall- Gvern Lokali qed titlob informazzjoni minn naħa tal-Kunsilli Reġjonali u l-Kunsilli Lokali biex tkun tista' tigi implimentata Strateġija tal-Informatika' fejn talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jagħti dettalji.

20.3.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li fuq stedina tal-ACTS ipparteċipat f'konferenza dwar kif il-kunsilli qed jaħdmu mal-Agenzija.

20.3.06 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-għaqda tad-dgħajjes talbet biex sid ta'dgħajsa jingħata permess biex ikun jista' juża l-iskall fejn dan intalab jġib id-dokumenti neċessarji biex is-Segretarju Eżekuttiv ikun jista' jivverifika jekk din tistax titla. Hawn kompliet tispjega li Segretarju Eżekuttiv innota li din kienet waħda minn dawk id-dgħajjes li skond il-Bye Law mhux suppost kienu fuq l-iskall u li matul ix-xagħar ta'Frar ġew mitluba jinzlu. Ghalhekk b'referenza għall minuti 16.3.05 , f'Jannar se titlob lill Avukat biex iwassal il-proposti <tal-kunsill> għall-emendi tal-bye law preżenti.

Mizjuda:<tal-kunsill>

20.3.07 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li l-kuntrattur ta' I.M dalwaqt se jibda x-xogħol fi' Triq it-Torri fejn il-kunsill bagħat ittra lir-residenti bid-dettalji u l-arranġamenti għat-traffiku li se jittieħdu sakemm jibqgħu għaddejjin ix-xogħolijiet.

**20.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

20.4.01 B'referenza għall-minuti 19.4.05 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lill- kunsilliera preżenti li l-għaqda armar tal-festa talbet kunsens biex tqassam ittra uffiċjali f'isem il-kunsill biex tgħarraf lil dawk li kkontribwew għal-istatwa ta' San Guzepp bir-raġunijiet għal-posponiment tal-inawgurazzjoni kif kien pjanat minħabba ċirkustanzi ta'pjanijiet għal-proġetti ta' żvilupp infrastrutturali fit-toroq minn I.M u WSC u bil-progress sal-ġurnata fuq ix-xogħol marbut mal-monument li huwa fi stadju avvanzat.

Il-kunsilliera preżenti ddiskutew dwar jekk għandux jkun hemm xi dati tentattivi ta' meta il-pedestall jrid jkun lest filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni u staqsa fejn se jinħażen ix-xogħol lest sakemm dan jkun opportun biex jitpoġġa fil-post stabbilit.

20.4.02 B'referenza għall-minuti 19.4.08 dwar Triq Achille Ferris is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-Kunsill reġa' kiteb lil kumpanija ta'periti nkarigati mis-sidien privati biex dawn jibgħatu tweġiba għal-korrispondenza preċedenti u nżamm infurmat il-perit ta'IM.

Is-Sur Charles Selvaggi qal li għamel kuntatt mal-Perit ta'I.M fejn dan għarrfu li bagħat email lill kunsill u staqsa l-għala għada ma'saritx l-ittra uffiċjal lir-residenti biex ikunu mgħarrfa li l-kunsill mhux qed jorqod fuq din is-sitwazzjoni kif ġie deċiż mill-kunsill fis-seduta preċedenti.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li sal-ġurnata ma kienx hemm email jew komunikazzjoni oħra mill- perit ta'IM. Filwaqt li notifika lir-residenti għad trid ssir. Hawn kompla jispjega li l-perjodu ta'żmien bejn l-ahhar u din is-seduta tal-kunsill kien iqsar biex din tkun tista' ssir wara l-laqgħa pubblika filwaqt li matul dan il-perjodu kien hemm ukoll volum ta'xogħol ieħor li sar jew li qed ssir.

20.4.03 B'referenza għall-minuti 19.4.09 dwar applikazzjoni għall-installazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni got-toroq u reklamar flok dawk li ġew żarmati. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera li TM wieġbet li filwaqt li r-regolamenti qed jiġu emendati , l-applikazzjoni qed tinżamm pendenti għall kunsiderazzjoni tal-awtorità aktar il'quddiem.

20.4.04 B'referenza għall-minuti 19.4.12 l-apparat għall-arja kundizzjonata fil-bord room u l-uffiċju ta'Sindku is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li se jkun qed jeħel wara il-festi.

20.4.05 B'referenza għall-minuti 19.4.15 is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-kalendarju 2021 huwa lest u se jibda jitqassam.

20.4.06 B'referenza għall-minuti 19.4.16,Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk sarx xi haġa dwar il-culvert li mhux jilħaq mal-ilma go Triq il-Baċir. is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li sar ix-xogħol fuqhom.

is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għad rrid jerġa jikteb lill IM.

20.4.07 B'referenza għall-minuti 19.4.18 dwar il-proposta għall-purċissjoni annwali b'tfal tal-iskola, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-Kunsill għadda l-proposta u stima għal 9 bradelli u bankuni inkluż il-forċina u lasta tal -fagu għall-approvazzjoni tal-fondi minn skema Regjun Ċentru 6/2020

20.4.08 B'referenza għall-minuti 19-4-20 Is-Sur Charles Selvaggi staqsa meta se jiġu żarmati il-planters li hemm go Triq D'Argen. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li beda ix-xogħol ta'żbir mal-Imsida u Swatar.

is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn se jieHu ħsiebhom mal -ewwel ġurnata li jkun hemm ħaddiem li jista' jsuq il-Van tal-kunsill.

20.4.09 B'referenza għall-minuti 19.5.01 dwar PA/07907/20 fil- konfini bejn l-Imsida, Santa Venera u B'Kara , S-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-Kunsill talab lil perit biex jiftaħ l-oġġezzjoni għall-proposta ta'żvilupp.

Is-Sur Charles Selvaggi staqsa jekk kunsilli oħra konċernati għamlux oġġezzjoni wkoll u jekk dawn setgħux saru konġunti.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li infurmata li kien hemm oġġezzjoni miNn partijiet oħra inkluż il-kunsill ta'Santa Venera li huwa l-aktar kunsill konċernat iżda ma tafx jekk B'Kara għamlux oġġezzjoni wkoll.

20.4.10 B'referenza għall-minuti 19.5.02 dwar skemi ġodda mnedija mir-Regjun Ċentru, s-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li kunsill għadu qed jitlob biex jiġbor l-Istima għal kull skema.
Is-Sur Charles Selvaggi staqsa għall skop ta' kjarifika jekk waqt li din kienet diskussa kienx hemm stimi preżentati.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li waqt il-laqgħa tar-Regjun Ċentru kienu preżentati numru ta' stimi għall xi skemi propunuti iżda kull kunsill seta’ wkoll jara li jinġabu wkoll stimi oħra b'prezz aktar vantaġġuż sakemm dawn ikunu skond il-ħtieġa tiegħu li tissodisfa l-kriterji deskritt għall kull skema.

20.4.11 B'referenza għall-minuti 19.5.06 għall sistema one way minn Triq Sant’Andrija l-isfel sa Triq Mons Innoċenz Zammit k/m Triq Dijonisju Famucelli ,s-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-Kunsill kiteb lill TM biex jara x'hemm bżonn ssir biex tinfetaħ l-applikazzjoni mill ġdid ħalli jkompli il-proċess.

20.4.12 B'referenza għall-minuti 19.5.07 , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li l-Kunsill se jipprovdi sistema tal-P.A. lil kor tal-Milied fi ħdan l-Agenzija Appoġġ li se jagħmel żewġt okkażjonijiet biex tferraħ lil anzjani nhar l-10 u l-24 ta'Diċembru.

20.4.13 B'referenza għall-minuti 19.5.08, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li l-għaqda taż-żagħżagħ f'ħdan il-banda Melita San Guzepp offriet li tagħmel l-attività għall-Milied b'San Nicola , slitta fuq karru u mużika ma'Toroq tal-Imsida.
Is-Sur Nicholas Joseph Chircop għarraf lill-kunsilliera preżenti li din se ssir fit-23 ta'Diċembru.

20.4.14 B'referenza għall-minuti 19.5.09 , is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lill-kunsilliera preżenti li d- dawl tal-Milied xegħel kif deċiż fl-1 ta'Diċembru

20.4.15 B'referenza għall-minuti 19.5.10 kompetizzjoni tal-iskola primarja għall disinn ta'kartolina b'tema tal-Imsida Is-Sur Maurice Agius staqsa dwar possibilità li dawn ikunu parti mil-kalendarju 2022.
Is-Sur Jean Claude Borg wieġeb li filwaqt li jieħu pjaċir u japprezza inizjattiva biex tinvolvi tfal żghar biex jagħmlu disinn, wieħed rrid jikkunsidra jekk il-livell ta'disinn hux dak li jista’ jkun pubblikat.
Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai qalet li tinsab infurmata li kien hemm xi tfal li pparteċipaw iżda ma tafx ezatt ghax ghadhom ma ghaddewlha xejn, għalhekk qed tissuġġerixxi li l-kunsill l-ewwel jara x'hemm u mbagħad jiddiskuti x'jista’ ssir.
Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament .

20.4.16 B'referenza għall-minuti 19.5.11, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li sar il-ftehim biex ssir ix-xogħol b' materjal riċiklat go Triq Dun Kalcidon Schembri.

20.4.17 B'referenza għall-minuti 19.5.14, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li saret verifika fejn TM konfermat li din hija applikata u approvata bħala komunali filwaqt li hemm applikazzjoni oħra pendenti mill-istess applikant li qed tkun kunsidrata biex din tkun personali. Għall kummenti ta'resident deskritti, T.M għamlitha ċara li għall l-ebda applikazzjoni ma jintalab xi forma ta'ħlas għalhekk dan ma hux korrett.

20.4.18 B'referenza għall-minuti 20.6.01 dwar it-Tender KLMsd TDR. 3 . 2018 , Is-Sur Maurice Agius għarraf lill kunsilliera preżenti li filwaqt li huwa kien ivvota favur l-approvazzjoni tal-kunsill u d-deċiżjoni meħuda. Ilum xtaq jiddikjara li ma'għadux ta' l-istess fehma.

20.4.19 B'referenza għall-minuti 19.5.04 biex Triq Censu Farrugia ssir one way , is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda pjanta preparata bil-proposta msemmija fejn għarraf lil kunsilliera preżenti li din għad trid tintbagħat għall kunsiderazzjoni ta'TM.
Il-kunsilliera preżenti ddiskutew il-pjanta preżentata qabel din tintbagħat għall kummenti jew rakkomandazzjoni ta'TM.

20.4.20 B'referenza għall-minuti 19.5.05 dwar proposti minn żviluppaturi għall traffic management temporanju, is-Segretarju Eżekuttiv għarraf lil kunsilliera preżenti li kien hemm xi emendi fit-talba biex din ssir one way direzzjoni lejn triq San Lwiġi ħlief għall ħruġ tal-inġenji min go sit tal-kostruzzjoni.

Is-Sur Emanuel Brincat spjega li it-Triq ġa hija fil-fatt one way għax ma hemmx aċċess għalija minn Triq G.Schranz.

20.4.21 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bozza go triq Dijonisju Fammucelli li bosta ġimghat ilu din ġiet żarmata minn kuntrattur minħabba żvilupp u li sal-ġurnata ma hemmx dawl fit-triq u staqsa x'qed ssir fuqha.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din jaf biha u tkellem mal-kuntrattur li għarrfu li għamel l-applikazzjoni fis-sajf għall shifting to pole mal-ARMS u li qed jara wkoll l'għala hemm dan id-dewmien fil-proċess minnaħa tagħhom. Filwaqt li l-kunsill lokali prova wkoll jivverifika mal-ARMS fuq din il l-applikazzjoni dawn wieġbu li ma jistgħux jagħtu informazzjoni għax il-Kunsill Lokali mhux l-applikant.

20.4.22 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar bozza li ilha bil-ħsara go triq li twassal minn Wied l-Imsida għall Triq il-Ħarrub.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li dan id-dawl ilu żmien li kien rappurtat jinsab mgħarraf li kien hemm xi ħsarat go wieħed mid-distribution cables.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota biex jivverifika x'inhi l-problema.

**20.5 Items oħra ta' Xogħol, ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

20.5.01 Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai għarrfet lil kunsilliera preżenti li wasal numru limitat ta'Covid kits (613) ordnati minn skema ta'fondi Regjun Ċentru. Hawn kompliet tispjega li l-ammont mhux biżżejjed biex jkopri l-ammont ta'residenti anzjani reġistrati fil-lokalita għalhekk qed tissuġġerixxi li parti mill ammont jitqassam lill studenti fl-iskola primarja Msida.

Is-Sur Maurice Agius ssuġġerixxa li parti mill-ammont li fadal jista' jitqassam lill tfal mill-Imsida jew Swatar li huma go skola jew għaqda li tinsab fil-konfini tal-Imsida sakemm it-tfal fl-għaqdiet ma jkunux ġa bbenefikaw mill-iskola primarja Msida.

20.5.02 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar nuqqas ta'dawl fuq in-naħa tal-iskola go Triq  Victor Denaro u staqsiet jekk jistax ssir xi dawl minħabba li qed jkun

Mizjuda:<mudlam>

Is-Sindku Margaret Baldacchino Cefai wieġbet li se tkellem l-amministrazzjoni tal-iskola biex tara x'jista' ssir biex jixgħelu id-dawl mad-dawra ta'ċint.
Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li dwar in-nies jixorbu se jagħmel rapport lill pulizija biex jagħmlu rondi u jieħdu passi skond il-Byelaw.

20.5.03 Is-Sinjura Judy Sciberras tkellmet dwar nuqqas ta'dawl go Skate Park.

Is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota u wieġeb li ġa qed imexxu rapporti fuq dan id-dawl mal-Entitajiet responsabbli minn Skate Park u subway.

20.5.04 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda Direttiva 7/2020 li waslet fil-ġurnata u għarraf lill kunsilliera preżenti li saru l -emendi fl-Att dwar Gvern Lokali - Kap.363 biex il-laqgħat statutorji tal-Kunsilli Lokali u l-laqgħat annwali dwar l-estimi u l-pjan ta' ħidma jkunu jistgħu jsiru b'dawk il-metodi xierqa skond dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali preżenti tal-pandemija. Dawn il-mezzi jistgħu jinkludi  mezzi virtwali, iżda f'kull każ jrid ikun żgurat l-aċċess tal -membri tal -pubbliku . Dan iwassal biex aktar il'quddiem jekk ikun il-każ il-Kunsill rrid jara kif jġib il-mezzi neċessarji biex laqgħa pubblika tkun tista' ssir. Hawn kompla jispjega li l-emendi jipprovdu wkoll għall dawk is-seduti li sal-ġurnata setgħu ma sarux fil-Kunsill li mhux ser jitqiesu li saru bi ksur tal-liġi.

**20.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti.**

20.6.01 Qabel is-seduta saret laqgħa pubblika fl-uffiċju amministrattiv tal-kunsill għall proposti tal-ħidma u baġit għas-sena 2021 li għalija attendew tlett residenti. Wara li ġie preżentat ir-rapport is-Segretarju Eżekuttiv ħa nota fuq dak li ġie diskuss dwar is-sitwazzjoni go Triq Achille Ferris u biex il-LESA jagħtu konċessjoni għal parkeġġ fuq il-bankina fil-parti ta'fuq Triq il-Wied f'każ ta'maltemp qawwi. Affarijiet oħra diskussi kienu dwar abbużi relatati ma'skart u parkeġġ fuq spazju riservat għall bżonnijiet speċjali biex ssir infurzar.

**20.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

20.7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv Alan Vella poġġa fuq il-mejda l-iskeda K8-20a ta' ħlasijiet bejn 28 ta'Novembru sal-15 ta'Diċembru 2020 u K8-20b (Salarju bażiku, Onorarja u l-allowance tal kunsilliera) għall-approvazzjoni tal-Membri.
L-iskeda ġiet proposta, mis-Sur Alfred Farrugia u s-sekondat mis-Sur Sur Nicholas Joseph Chircop.
Il-Kunsilliera preżenti iddiskutew u approvaw unanimament

**20.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

20.8.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:37 ta' filgħaxija, u data għas-seduta li jmiss se tkun it-Tlieta 19 ta'Jannar 2021.

Minuti konfermati, illum 19 ta'Jannar 2021

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Margaret Baldacchino Cefai | Alan Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |